**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tad-19 ta' April, 2018**

**Talba numru: 433/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 40**

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu,**
**Marsa MRS 1501**

**vs**

**Roberto di Benedetto Gregorio (I.D.0029041A)**
**145, Flat 1,**
**Triq ix-Xghajra,**
**Zabbar**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-05 ta' Ottubru, 2016 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet minghand il-konvenut is-somma ta' disa' mija u tnejn u ghoxrin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€922.54c) in konnessjoni ma' servizz elettroniku ta' komunikazzjoni maghruf bhala 'Talk Anytime (Home Pack)' li gie pprestat mis-socjeta' attrici lil konvenut fuq l-akkont li jgib in-numru A40170168.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hu ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Semgha bil-gurament lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici tixhed bil-gurament li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Għaldaqstant, it-Tribunal wara li semgha lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici tikkonferma li l-ammont kollu ghadu dovut, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u tnejn u ghoxrin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€922.54c) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikant**